# BEATI U QADDISIN...SETTEMBRU

## SAN FRANCESCO MARIA DA CAMPOROSSO

## 17 TA' SETTEMBRU

Giovanni Croese, l-isem tieghu sekulari twieled fis-27 ta'



Diocembru 1804 gewwa Camporosso . Missieru kien jismu Giovanni u ommu Maria Antonia. Jumejn fuq it-twelid tieghu gie mghammed u moghti l-isem ta' missieru.

Minn ommu tghallem il-virtu' li aktar tard f'hajtu swietlu biex jikber u jimxi 'l quddiem fil-hajja spiritwali. Meta kien tifel kien jiehu hsieb il-merhla ta' missieru u meta kiber kien jaghti daqqa t'id fil-hidma ta' l-ghelieqi. Fil-festa ta' Corpus Christi tas-sena 1816 ircieva ghal l-ewwel darba lil Gesu' Ewkaristija wara li kien fieq minn marda li kwazi haditu f'xifer il-mewt.

Ta' 17 il-sena hass is-sejha biex jidhol jaghmel parti mill-Ordni tal-Minuri Konventwali bhala terzjarju. U hekk jghix

hajja aktar perfetta. Imma wara hafna talb specjalment li Madonna u pariri spiritwali dahal jaghmel parti mill-Ordni tal-Kappucini Minuri. Fis-17 ta' Dicembru tas-sena 1825 ghamel l–ewwel pass mal-Kappucini u rcieva l-isem ta' Francesco Maria.

Waqt in-novizzjat tieghu huwa kien ta' ezempju ghal ta' madwaru ghall-mod kif kien jghix il-hajja tieghu spiritwali billi kien juri mhabba kbira lejn Alla u lejn il-proxxmu tieghu.

Meta temm in-novizzjat tieghu kien assenjat ghall-kunvent tas-SS Koncizzjoni gewwa Genova fejn kien jghin fil-kcina u bhala nfiermier u fl-ahhar bhala tallab, ufficju li dam fih ghal kwazi 40 sena, sa ma miet. Kull min kien jersaq lejh kien ihossu li ltaqa' mal-bniedem ta' Alla u kien inissel certa revernza.

Ghal kull persuna kellu kelma ta' konfort. Meta fis-sena 1866 faqqet il-pesta gewwa Genova, huwa offra lilu nnifsu bhala ghajnuna lil dawk li ghaddew minn dan il-flagell. Waqt din l-imxija tal-pesta, fis-17 ta' Settembru tas-sena 1853 huwa ghaddha minn din il-hajja ghal ghand il-Mulej.